MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 250/2014

**Karl Antonio Gauci**

**Vs**

**Kirsten Falzon u b'digriet datat 28 ta' Mejju, 2014 gie msejjah fil-kawza Salvu Caruana**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' April, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallasu s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u sebghin euro [€3474] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Peress illi l-attur inkariga lill-intimat sabiex jaghmel xoghol ta' bini u tpoggija ta' akwarjum fil-fond bl-indirizz Flat 3, Delli Court, Triq il-Qieghan, Mellieha;

Peress illi l-attur hallas lill-intimat l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u sebghin ewro (€3474) rapprezentanti f'xoghol ta' bini u tpoggija ta' akwarjum flimkien ma' provvista ta' apparat ghall-istess akwarjum hekk kif jidher fid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok. KG1 sa Dok. KG4;

Peress illi l-akwarjum ma kienx mahdum skond l-arti u s-sengha tant li nfaqa fi ftit hin wara li mtela bl-ilma u ghal dan huwa unikament responsabbli l-intimat;

Peress illi l-intimat, ghalkemm debitament interpellat sabiex jissuplixxi akwarjum mahdum skond is-sengha kif kien miftiehem jew inkella sabiex jirrifondi l-prezz imhallas ghax-xoghol u tqeghid tal-akwarjum kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittra legali datata t-tlettax (13) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) annessa u mmarkata bhala DOk. KG5, dan izda baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li x-xoghol li ghamel l-intimat jigifieri dak ta' bini u tpoggija ta' akwarjum ma kienx skond l-arti u s-sengha;
2. Jiddikjara li l-intimat huwa obbligat li jirrifondi lill-attur dak minnu mhallas lill-istess intimat;
3. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' tlett' elef erba' mija u erbgha u sebghin ewro (€3,474) flimkien ma' spejjez relatati mal-ittra interpellatorja li ntbaghtet lill-intimat".

Ra **r-risposta tal-intimat Kirsten Falzon** minnu mressqa fit-28 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

1. Illi preliminarjament jinghad li ma hemmx integrita tal-gudizzju stante li hemm il-htiega li jigi kjamat in kawza l-individwu li fornixxa l-materjal tal-hadid li ntuza fl-istruttura li fuqha tpogga l-acquarium imsemmi, li l-identita tieghu hija maghrufa biss mill-attur;

2. Illi l-fatti allegati huma ghal kollox inveritieri u totalment vessatorji stante li intizi biss biex l-attur jaghmel profitt mis-sitwazzjoni;

3. Illi effettivament l-intimat gie kkummissjonat jahdem u jfornixxi l-materjal rikjest ghall-acquarium in kwistjoni, salv ghal hadid li l-attur insista li jigi fornut minn persuna ohra li l-intimat ma jafx l-identita taghha, u liema hadid ma kienx tal-kwalita mehtiega.

4. Illi dawn l-istess fatti l-attur gie mgharraf bihom, cio nonostante, fuq insistenza tieghu, l-acquarium inhadem b'hadid inferjuri li kkawza l-hsara.

5. Illi minhabba c-cirkostanzi premessi l-intimat m'ghandux jirrispondi ghad-danni kif reklamati.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra **r-risposta tal-kjamat fil-kawza Salvu Caruana** minnu mressqa fis-17 ta' Gunju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

1. Illi preliminarjament din il-Qorti ma ghandhiex il-kompetenza sabiex titratta din il-kawza stante li ma hijiex din il-Qorti li hi kompetenti sabiex tiddikjara jekk ix-xoghol mertu tal-kawza huwiex skont l-arti u s-sengha jew kawza ta' natura redhibitoria jew aestimatoria;

2. Illi in oltre din l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tal-esponenti u dana stante t-trapass ta' sitt (6) xhur minn meta kkonsenja x-xoghol, liema xoghol kien hieles minn kull diffett u anki approvat mir-rikorrenti u mill-konvenut l-iehor;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ma huwiex il-legittimu kontradittur ghall din il-kawza u dana stante li huwa kien gie mqabbad mill-attur sabiex jaghmel frame tal-hadid u dan il-frame tal-hadid sar minnu u sar skont is-sengha u l-arti u kien anki ppruvat mill-attur mill-istess konvenut bhala tajjeb;

4. Illi ghaldaqstant it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi naki l-intimat kien ikkonferma lill-attur li l-hadid kien tajjeb u li kien skont is-sengha u l-arti tant illi l-intimat kompla billi anki ghamel il-hgieg fuq l-istruttura li ghamel l-esponenti;

6. Illi l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri;

7. Salv risposti ohra permessibbli mill-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-intimat l-iehor li huwa minn issa ngunti in subizzjoni”

Ra l-verbal datat 16 ta’ Dicembru, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

Ikkunsidra ulterjorment;

1. Fl-ewwel talba tieghu, r-rikorrenti talab lit-Tribunal sabiex *"jiddikjara li x-xoghol li ghamel l-intimat jigifieri dak ta' bini u tpoggija ta' akwarjum ma kienx skont l-arti u s-sengha"*. L-intimat Kirsten Falzon fir-risposta tieghu nsista li kellu jiddahhal fil-kawza l-persuna li fornit il-*frame* tal-hadid li fuqu tpogga l-akkwarju in kwistjoni. Dan peress li skond dan ta' l-ahhar, dak li sehh, sehh minhabba li l-hadid li ntuza kien ta' kwalita inferjuri. Da parti tieghu, l-kjamat fil-kawza sahaq li t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza sabiex jiddeciedi dan il-kaz.

2. Jibda biex jinghad li r-rikorrenti qieghed, subordinatament ghal-ewwel talba, u f'kaz li dan it-Tribunal isib, jekk ghandu l-kompetenza biex jaghmel dan, li x-xoghol maghmul ma kienx skond l-arti u s-sengha, r-radd lura tal-hlasijiet li huwa kien ghamel lill-intimat. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 380 jipprovdi hekk:

   "(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (3,494.06):

   Iżda fil-kalkolu tas-somma msemmija f'dan is-subartikolu, ma jitqiesux id-drittijiet u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-istess talba".

   Is-sub-artikolu 5 ta' l-imsemmi artikolu 380 tal-kapitolu citat imbaghad jipprovdi li:

   "Kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi (€3,494.06), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli ma jidhlux fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal".

Kif gustament irrilevat id-difensur tar-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, dan it-Tribunal, kif presedut, diga kellhu okkazzjoni jezamina l-portata u s-sinifikat ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380 fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Cassar et vs Bartholomew Bonnett et** deciza fis-26 ta' Mejju, 2014[1]. F'dik is-sentenza inghad li "*Hija l-fehma konsiderata ta' dan it-Tribunal, li jekk wiehed jaqra dan l-artikolu tal-ligi u jinterpretah fid-dawl ta' dak li inghad hawn fuq, jirrizulta li t-Tribunal ghandu kompetenza biex jiddeciedi dawk il-kawzi kollha li ma humiex specifikatament eskluzi mis-sub-artikolu (5) ta' l-artikolu 3 tal-Kapitolu 380, jew minn xi ligi ohra ta' liema xorta hi, u* ***basta*** *li dawn il-kawzi, jkunu jitrattaw dwar flus u l-ammont, salv dak li hawn fuq riportat, ma jkunx jeccedi t- €3,494.06c*".

3. It-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza hija dik li l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta "*stante t-trapass ta' sitt (6) xhur minn meta kkonsenja x-xoghol, liema xoghol kien hieles minn kull diffett u anki approvat mir-rikorrenti u mill-konvenut l-iehor*". Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-kjamat fil-kawza jindika dan l-artikolu bhala dak bin-numru 1431 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jitkellem dwar l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni aestimatorja. It-Talba promotrici ma tindikax li r-rikorrenti qieghed jilmenta minn xi difett mohbi izda li x-xoghol ma sarx skond ma tirrikjedi s-sengha u l-arti u konsegwentement, l-artikolu citat mill-kjamat fil-kawza ma japplikax u konsegwentement qeghda tigi michuda din l-eccezzjoni tieghu ukoll.

4. Jirrizulta li r-rikorrenti kien ta appalt lill-intimat Falzon sabiex jibnilu akkwarju. Kellu ukoll jaghmel mejda bil-bricks sabiex l-akkwarju jkun jista jserrah fuqha. Qabel ma kienu ser jibdew ix-xogholijiet, l-intimat kien informa lir-rikorrenti li huwa ma setax jaghmel din il-mejda u talbu sabiex jew jaghmilha hu jew inkella jqabbad lill-terzi. Ir-rikorrenti hekk ghamel u kien inkariga lill-kjamat fil-kawza sabiex jaghmillu mejda bil-frame tal-hadid. Wara li kienet tlestiet il-mejda u ttiehdet fir-residenza tar-rikorrenti, kien mar l-intimat sabiex jibda jarma l-akkwarju. Dak-in-nhar li l-intimat mar biex jaghmel dan, huwa ma ramax l-akkwarju peress li "*... jiena ma dehrlix li dik l-istruttura kienet ser tiflah il-piz*". Wara li r-

[1] Minn din is-sentenza tat-Tribunal gie ntavolat appell

rikorrenti kkonfermalu ghal darb’ ohra li l-hadid kien b’sahtu, huwa beda jarmah. Garanzija ghall-bini tal-akkwarju baqa ma tahx l-intimat u dan peress li skond hu l-istruttura tal-hadid ma kienitx b’sahhitha bizzejjed. Xi hin wara li kien imtela’ l-akkwarju, tard bil-lejl, ir-rikorrenti sema’ hoss kbir gej minn fejn dan l-akkwarju u x’hin mar biex jara x’gara, sab li l-hgiega ta’ l-akkwarju kienet inqasmet. Huwa kien cempel lill-intimat biex jinfurmah b’dan u meta eventwalment l-intimat mar biex jara x’kien gara ezatt, huwa sab li kien strah parti mill-frame tal-hadid li kien ghamel il-kjamat fil-kawza. Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid li kien hemm xi parti mill-hgieg ta’ l-akkwarju li kien mxellef, haga li l-intimat jichad. L-intimat stqarr ukoll li l-mejda li tpogga fuqha l-akkwarju “*... kienet invellata*” (fol. 51). Fix-xhieda tieghu moghtija fis-16 ta’ Dicembru, 2014, l-intimat stqarr li meta hu kien mar biex jara x’kien gara huwa kien ghamel l-invell mal-hadid minn taht l-istruttura peress li mill-parti ta’ fuq kien ghad hemm il-hgieg. Hemm sab li in-nofs tac-*channel* “... *kienet qeghda aktar l-isfel mit-truf madwar zewg millimetri*” (fol. 68). L-intimat jishaq li l-hgieg “*... li marret marret minhabba t-tghawwig fic-channel, u dan peress li l-hgiega fil-kument ma titbewwaqx*” (fol. 68). Da parti tieghu, l-kjamat fil-kawza qal li l-hgieg ta’ l-akkwarju ma kienx ippolixxjat izda kien maqtugh dritt. Qal li “*... meta ma jkunx ippollixxjat it-tendenza hija li dan il-hgieg imur minn fejn ikun inqata bid-djamant*” (fol. 66).

5. Il-kjamat fil-kawza jghid li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri, izda kif rajna, l-presenza tal-kjamat fil-kawza hija mehtiega u konsegwentement, anke din l-eccezzjoni tieghu sejra tigi michuda.

6. Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta’ Ottubru, 2004, fl-ismijiet **Pierre Darmanin *v.* Moira Agius *et*** inghad li:

*“L-appaltatur għandu l-obbligu li jeżegwixxi x-xogħol lilu kommess, fis-sens li huwa għandu l-obbligu wkoll jara li dan ix-xogħol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. L-appaltant għandu l-obbligu li jeżegwixxi xogħlu sew, skond is-sengħa u l-arti u jrid jippresta almenu kapaċità ordinarja. Dan fis-sens li hu għandu jiggarantixxi l-bontà tax-xogħol tiegħu.*

*L-appaltatur li jeżegwixxi ħażin ix-xogħol li jifforma l-oġġett tal-appalt, huwa responsabbli għad-dannu kollu li jiġi minn dik l-eżekuzzjoni ħażina. Għax kif jinstab ritenut ukoll f'każ bħal dan hu għandu mill-ewwel ma jagħmilx ix-xogħol jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġu l-quddiem.*

*Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xogħol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet mogħtija mill-kommittenti. L-appaltatur għandu jirreżisti ordnijiet li jkunu ta' preġudizzju għas-soliditа̀ u kontra r-regoli tas-sengħa u l-arti. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jagħti lill appaltant opra soddisfaċenti, u ma jistax jallega li x-xogħol sar mhux sewwa għax hu għamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirreżisti għal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent".*

7. Issa f'dan il-kaz jirrizulta fil-fehma tat-Tribunal li l-intimat, bi ftit aktar attenzjoni, kien jinduna mal-ewwel li l-frame tal-hadid ma kienx invellat tajjeb u b'hekk ma kienx jarma l-akkwarju kif effettivament ghamel. L-intimat pprova jahrab mill-obbligu tieghu billi qal lir-rikorrenti li huwa ma kienx qieghed jaghtih garanzija ghall-akkwarju u li dak li kien qieghed jaghmel kien qieghed jaghmlu sogra ta' l-istess rikorrenti. Diga rajna li l-gurisprudenza ma tissuffriggax din il-posizzjoni ta' l-intimat. Konsegwentement, l-intimat ghandu jwiegeb ghall-hsarat li sofra r-rikorrenti. Il-kjamat fil-kawza mkien ma jichad fix-xhieda tieghu li l-hadid ma kienx invellat u allura t-Tribunal jara li huwa ukoll ghandu ghal x'hiex iwiegeb.

8. Mill-provi prodotti, u mhux kontradetti, jirrizulta li r-rikorrenti kien hallas l-ammont ta' €3,474 lill-intimat ghall-akkwarju. Dan l-ammont, skond ma jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti kien jinqasam €2,610 ghall-akkwarju (dok. KG 1 u dok. KG 2) u €864 ghas-sistema ta' l-ilma, valves, pompa ta' l-ilmau pajpijiet (dok. KG3 u dok. KG4). Il-mejda tal-hadid giet tiswa €400 (fol. 29). Dawn l-ammonti ma gewx ikkontestati mill-partijiet u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minnhom.

9. Issa r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas tas-somma kollha, inkluz ghal ispejjez li huwa ghamel ghar-rigward tax-xiri ta' l-apparat li kellhu jigi uzat ma l-akkwarju. It-Tribunal mhux tal-fehma li ghandu jilqa t-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward anke l-ghaliex dawn l-oggetti ghadhom jistghu jintuzaw mir-rikorrenti. Dan anke a bazi tal-principju generali li d-danni ghandhom jigu minimizzati. Konsegwentement, filwaqt li t-Tribunal sejjer isib li x-xoghol ma sarx skond ma titlob is-sengha u l-arti, sejjer inaqqas l-ammont ta' €864 mis-somma reklamata. B'hekk jigi li r-rikorrenti ghandu jircievi s-somma ta' €2,610. Jifdal x'jigi deciz kif dan l-ammont ghandu jigi spartit bejn l-intimat u l-kjamat fil-kawza.

10. Mill-provi prodotti, t-Tribunal ma huwiex f'qaghda li jghid xi grad ta' responsabbilita ghandhom l-intimat u l-kjamat fil-kawza. In vista ta' dan, u anke a bazi ta' ekwita, huwa sejjer jikkundanna lill-istess intimat u kjamat fil-kawza sabiex ihallsu lir-rikorrenti in solidum bejniethom l-ammont ta' €2,610 b'dan li fir-relazzjoni ta' bejniethom, l-intimat jkun jista biss jitlob minghand il-kjamat fil-kawza nofs dan l-ammont hawn indikat u vici versa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li:

1. Jiddikjara li huwa ghandu l-kompetenza mehtiega sabiex jiddeciedi dan il-kaz u konsegwentement jichad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza;

2. Jichad it-tieni eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza li tirrigwarda l-preskrizzjoni;

3. Jiddikjara li l-kjamat fil-kawza gie mharrek tajjeb u ghalhekk huwa legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u konsegwentement jichad l-eccezzjoni tieghu f'dan ir-rigward.

4. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u tal-kjamat in kawza in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.

5. Jilqa t-talba tar-rikorrenti limitatament ghas-somma ta’ elfejn sitt mija u ghaxar euro (€2,610) kif hawn fuq inghad, u konsegwentement jikkundanna lill-intimat u lill-kjamat fil-kawza jhallsu in solidum bejniethom lir-rikorrenti s-somma ta’ elfejn sitt mija u ghaxar euro (€2,610) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjez tal-proceduri ghandhom jithallsu inkwantu ghal hamsin fil-mija (50%) mill-intimat u in kwantu ghar-rimanenti hamsin fil-mija (50%) mill-kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------